MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2006

Rikors Numru. 12/2004/1

Carmelo Abela u Maria Abela

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-29 ta' Lulju, 2004 fejn esponew:

Illi huma ghadhom kif gew notifikati b'att gudizzjarju bid-data 23 ta' Lulju, 2004 (kopja Dok A) fejn l-intimat offra lill-esponenti s-somma ta' elfejn u mitejn lira (Lm2,200) ta' bicca art tal-kejl ta' madwar 36 metru kwadru fl-Imgarr indikata fl-Avviz tal-Gvern numru 137 ghax-xiri assolut liberu u frank.

Illi l-esponenti mhumiex qeghdin jaccettaw din l-offerta u qeghdin jindikaw is-somma ta' sitt elef lira (Lm6,000)

bhala s-somma li jippretendu bhala kumpens ghall-imsemmija porzjon art, u dana skond stima tal-AIC Monica Audrey Galea datata 18 ta' Mejju 2004, originali anness bhala Dok B minn fejn jidher ukoll li l-kejl ghandu jkun ta' 39.61m².

Ghaldaqstant, l-esponenti jitolbu li dan il-Bord jiddetermina l-kumpens xieraq dovut lilhom u jaghti dawk id-direttivi kollha necessarju a tenur tal-Artikolu 22 Kap 88.

Bl-ispejjez.

Ra l-att gudizzjarju ta' l-intimatipprezentat fit-22 ta' Lulju, 2004 fejn espona illi:

Bil-prezenti att gudizzjarju illi qieghed jintbaghat ghall-finijiet u effetti ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed jirreferik ghall-Avviz tal-Gvern Numru 137 ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-hdax (11) ta' Frar 2004 ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art fl-Imgarr, Malta, tal-kejl ta' cirka 36 metru kwadru li tmiss mill-Lbic u mill-Lvant ma' triq pubblika u mill-Grigal ma' proprjeta' ta' Carmelo Abela ghal liema art l-awtorita' kompetenti qieghda toffri l-kumpens ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) skond l-istima li hemm imsemmija fl-istess avviz numru 137 liema stima saret mill-perit arkitett
Frederick H Valentino A&CE.

Id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed jinfurmak ukoll illi abbazi tal-parir legali tal-Avukat Peter Caruana Galizia, huwa sodisfatt illi inti kellek titolu illi jaghtik dritt illi tircievi l-kumpens fuq imsemmi.

Illi ghaldaqstant id-Direttur ta' l-Artijiet qieghed javzak illi inti ghandek wiehed u ghoxrin gurnata (21) minn notifika ta' dan l-att gudizzjarju sabiex, jekk hekk jidhirlek, tikkontesta l-ammont ta' kumpens li offrut fl-imsemmi Avviz numru 137.

Fil-kaz li tiddeciedi li tikkontesta l-kumpens, il-kontestazzjoni ghandha ssir permezz ta' rikors li jigi prezentat fir-Registru tal-Bord tal-Arbitragg dwar l-Artijiet li fih tindika l-ammont illi qieghed tippretendi bhala kumpens ghall-fond fuq imsemmi u dan skond ma huwa mehtieg bl-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta).

Fin-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tieghek tal-kumpens offrut kif fuq imfisser, l-kumpens offrut jitqies li qieghed jigi accettat minnek bhala l-valur gust tal-bicca art espropprijata ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

Ra li l-intimat Kummissarju ta' l-Artijiet ipprezenta r-risposta tieghu fis-16 ta' Awissu, 2004 fejn espona:

Illi l-esponent gie notifikat b'rikors iddatat 29 ta' Lulju, 2004 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-valur offrut lilhom mill-Gvern ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200), ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art fl-Imgarr tal-kejl ta' 36 metru kwadru u qeghdin jippretendu illi l-kumpens gust ghandu jkun dak ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000);

Illi l-esponent qieghed jibqa' jsostni illi l-valur gust tal-art huwa dak ta' elfejn u mitejn lira Maltin (Lm2,200) u cioe' dak l-ammont li gie ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-11 ta' Frar 2004 permezz ta' l-Avviz numru 137;

Illi r-rikorrenti qeghdin jallegaw ukoll illi l-kejl ta' l-art ghandu jkun dak ta' 39.61 metri kwadri u mhux dak ta' 36 metru kwadru liema kejl huwa kkwotat fl-avviz fuq citat;

Ir-rikorrenti qeghdin jallegaw ukoll illi l-kejl ta' l-art ghandu jkun dak ta' 39.61 metri kwadri u mhux dak ta' 36 metru kwadru liema kejl huwa kkwotat fl-Avviz fuq citat;

Illi din l-allegazzjoni ser tigi trattata fil-mori tal-kawza biex ikun jista' jigi stabbilit il-kejl korrett ta' l-art esproprjata;

Ghaldaqstant l-esponent qieghed jitlob illi dan l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa l-ammont ta' elfejn u mitejn lira Maltin

bhala l-kumpens gust illi ghandu jithallas lir-rikorrenti ghall-esproprijazzjoni ta’ l-art fuq imsemmija.

Semgha x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra li l-partijiet gew debitament notifikati bl-atti kollha.

Ra d-digriet tieghu tat-8 ta’ Novembru, 2004 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Renato La Ferla  u l-AIC Joseph Jaccarini.

Ra r-relazzjoni ta’ l-imsemmija periti li stabbilew il-kejl ta’ l-art - 39.15 m.k. kif kellhom jaghmlu skond id-digriet ghall-hatra taghhom fuq imsemmija.  Il-periti kienu tal-fehma li l-art tista’ tiswa izjed minn dak li talbu r-rikorrenti imma mxew mal-ligi u ghalhekk  jistghu jaghtu biss l-ammont mitlub mir-rikorrent Abela.

Ghalhekk il-Bord jistabilixxi l-kumpens dovut fl-ammont ta’ sitt elef lira Maltija (Lm6,000) ghat-trasferiment ta’ l-art tal-kejl ta’ 39.15 metri kwadri fl-Imgarr Malta, li tmiss mill-Lbic u mill-Lvant ma’ triq pubblika u mill-Grigal ma’ proprjeta’ ta’ Carmelo Abdilla, b’titolu  ta’ xiri assolut bhala libera u franka;

Jahtar lin-Nutar Vincent Miceli jew lin-nutar li jkun qed jaghmilha floku bhala n-nutar ta’ l-intimat biex jippubblika l-att fl-ufficju ta’ l-intimat nhar is-17 ta’ Mejju, 2006 fl-10:00a.m. jew f’data ohra li ma taqbisx it-tlett xhur  millum li ftehim bejn il-partijiet u jahtar lill-avukat Dottor Stephen Muscat biex jidher fuq l-att ghall-kontumaci.   Billi l-kumpens hu dak mitlub mir-rikorrent, l-ispejjez huma a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------